MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 429/2005

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Leslie u Doris Woodhead**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin u hames centezmi (LM1,625.05,0), ammont rapprezentanti in kwantu ghal elf u hames Liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmi, (LM1005.23,0), bhala bilanc fuq self moghti mis-socjeta' attrici lill-konvenuti, skond skrittura privata**

**ffirmata bejn il-partijiet datata 27 ta' Gunju tas-sena 1996, annessa u esebita bhala Dok. H1; flimkien ma' mija u wiehed u disghin Lira Maltin u wiehed u sittin centezmi, (LM191.61,0), bhala imghaxijiet kapitalizzati sat-13 ta' Mejju ta-sena 2005; prospett ta' l-ammont komplessiv dovut huwa anness u esebit bhala Dok. H2;**

**In kwantu ghal tlett mija u mistax –il Lira Maltin u sittin centezmi, (LM315.60,0), bhala bilanc fuq self moghti mis-socjeta' attrici lill-konvenuti, skond skrittura privata ffirmata bejn il-partijiet datata l-4 ta' Novembru tas-sena 1997, annessa u esebita bhala dok. H3 ; flimkien ma' mija u tnax –il Lira Maltin u wiehed u sittin centezmu, (LM112.61,0), bhala imghaxijiet kapitalizzati sat-13 ta' Mejju tas-sena 2005; prospett ta' l-ammont komplessiv dovut huma anness u esebit bhala Dok. H4;**

**Interpellati sabiex ihallsu permezz ta' tlett ittri ufficcjali datati l-1 ta' Frar tas-sena 2001, 18 ta' Ottubru tas-sena 2001 u 8 ta' Ottubru tas-sena 2002, (Dok H5 sa Dok. H7), u permezz ta' diversi ittri ohrajn (annessi u esebiti bhala Dok. 8 sa Dok H 12) il-konvenuti baqghu inadempjenti;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficcjali ta' l-1 ta' Frar tas-sena 2001, tat-18 ta' Ottubru tas-sena 2001 u tat-8 ta' Ottubru tas-sena 2002 u bl-imghaxijiet legali kollha mit-8 ta' Ottubru tas-sena 2002 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-22 ta' Novembru tas-sena 2005 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u**

**n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------